MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1693/2004

**Cutajar Limited (C-4775)**

**Vs**

**Angelo Mifsud**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf u sbatax-il lira Maltin u tmien centezmi (Lm1,017.08c) rapprezentanti ammont bilancjali mill-prezz ta' merkanzija konsistenti f'*computer peripherals* lilu mibjugha u kkonsenjati.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi isem il-konvenut mhux Angelo, s-socjeta' konvenuta jisimha PC Technologies Limited, il-konvenut m'ghandu l-ebda relazzjoni mas-socjeta' attrici u m'ghandu jaghtiha xejn. Is-somma mitluba hija eccessiva billi kwalunkwe bilanc se mai dovut mis-socjeta' PC Technologies Limited hija anqas minn dak mitlub fl-Avviz.

Sema' x-xhieda ta' Mario Cutajar.

Ra d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi jirrizulta illi s-socjeta' attrici kkonsenjat merkanzija lil PC Technologies u din ghadha ma thallsitx u l-bilanc dovut huwa dak mitlub fl-Avviz. Minn indagni li ghamlet is-socjeta' attrici jirrizulta illi fl-ebda mument ma gie ndikat li l-PC Technologies hija kumpanija, ossija socjeta' limitata u rrizultalhom ukoll illi l-persuna responsabbli ghal din id-ditta, cjoe' tad-ditta PC Technologies huwa Angelo Mifsud, cjoe' l-konvenut odjern. Dan anki jirrizulta minn Dok. MC a fol 23 tal-process.

Il-konvenut ma xehedx u ma ressaq l-ebda provi.

Illi ghalhekk it-talba attrici kif dedotta jisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-ammont mitlub mis-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundannah ihallas is-somma ta' elf u sbatax-il lira Maltin u tmien centezmi (Lm1,017.08c) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------